II

(Atti mhux leġiżlattivi)

FTEHIMIET INTERNAZZJONALI

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2017/1960

tat-23 ta' Ottubru 2017

dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni, u l-applikazzjoni provviżorja tal-Protokoll li jistabbilixxi l-opportunitajiet tas-sajd u l-kontribuzzjoni finanzjarja previsti fil-Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika ta' Mauritius

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 43, flimkien mal-Artikolu 218(5) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

(1) Fit-28 ta' Jannar 2014, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni 2014/146/UE [1] dwar il-konklużjoni tal-Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika ta' Mauritius ("il-Ftehim").

(2) L-ewwel Protokoll [2] tal-Ftehim stabbilixxa, għal perjodu ta' tliet snin, l-opportunitajiet tas-sajd mogħtija lill-bastimenti tal-Unjoni fiż-żona tas-sajd taħt is-sovranità jew il-ġurisdizzjoni tar-Repubblika ta' Mauritius ("Mauritius") u l-kontribuzzjoni finanzjarja mogħtija mill-Unjoni. Il-perjodu tal-applikazzjoni ta' dak il-Protokoll skada fis-27 ta' Jannar 2017.

(3) Il-Kummissjoni nnegozjat, f'isem l-Unjoni, Protokoll ġdid li jistabbilixxi l-opportunitajiet tas-sajd u l-kontribuzzjoni finanzjarja previsti mill-Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika ta' Mauritius ("il-Protokoll"). Il-Protokoll ġie inizjalat fis-26 ta' April 2017.

(4) L-għan tal-Protokoll huwa li jippermetti lill-Unjoni u lil Mauritius sabiex jaħdmu aktar mill-qrib fuq il-promozzjoni ta' politika tas-sajd sostenibbli, tal-isfruttament responsabbli tar-riżorsi tas-sajd fl-ilmijiet ta' Mauritius, u tal-isforzi ta' Mauritius biex jiżviluppa ekonomija tal-oċeani sostenibbli.

(5) Jenħtieġ li l-Protokoll jiġi ffirmat.

(6) Sabiex ikun żgurat li jinbdew malajr l-attivitajiet tas-sajd tal-bastimenti tal-Unjoni, jenħtieġ li l-Protokoll jiġi applikat fuq bażi provviżorja, sakemm jitlestew il-proċeduri meħtieġa għad-dħul fis-seħħ tiegħu,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-iffirmar f'isem l-Unjoni tal-Protokoll li jistabbilixxi l-opportunitajiet tas-sajd u l-kontribuzzjoni finanzjarja previsti mill-Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika ta' Mauritius ("il-Protokoll") huwa b'dan awtorizzat, soġġett għall-konklużjoni tal-imsemmi Protokoll.

It-test tal-Protokoll huwa mehmuż ma' din id-Deċiżjoni.

---

[1] Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/146/UE tat-28 ta' Jannar 2014 dwar il-konklużjoni tal-Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika ta' Mauritius (ĠU L 79, 18.3.2014, p. 2).

[2] Il-Protokoll li jistabbilixxi l-opportunitajiet ta' sajd u l-kontribuzzjoni finanzjarja previsti fil-Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika ta' Mauritius (ĠU L 79, 18.3.2014, p. 9).

Artikolu 2

Il-President tal-Kunsill huwa b'dan awtorizzat li jaħtar il-persuna jew persuni bis-setgħa li jiffirmaw il-Protokoll f'isem l-Unjoni.

Artikolu 3

F'konformità mal-Artikolu 15 tal-Protokoll, il-Protokoll għandu jiġi applikat fuq bażi provviżorja, mill-iffirmar tiegħu, sakemm jitletew il-proċeduri meħtieġa għad-dħul fis-seħħ tiegħu.

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fil-Lussemburgu, it-23 ta' Ottubru 2017.

Għall-Kunsill

Il-President

K. IVA